# MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tat-23 ta’ Ottubru 2015

Talba Numru: 608/13 NHV

Numru fuq il-Lista: 29

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs.**

**Vidal Mariella**
**K.I. 350974-(M)**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-25 ta' Settembru 2013, li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet mingħand il-konvenuta il-ħlas tas-somma ta' mitejn, tlieta u sebgħin ewro u dsatax-il ċenteżmu (€273.19c), premess illi:

1. Illi l-konvenuta għandha tħallas lis-Soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn, tlieta u sebgħin ewro u dsatax-il ċenteżmu (€273.19c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz ta' komunikazzjoni numru *79545465* numru tal-kont *A/C 40164625*, mogħti mis-Soċjetà attriċi u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;

2. Illi l-konvenuta ġiet interpellata sabiex tħallas, iżda baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali mibgħuta ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta datata 12 ta' Lulju 2012 li ġġib in-numru 1440/12 u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-istess ittra uffiċjali kontra l-konvenuta li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.

Ra r-**risposta** tal-konvenuta ippreżentata fl-24 ta' Ottubru 2013, fejn hija eċċepiet:

Illi t-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż billi s-servizz kien nieqes mill-kwalità mistennija u għaldaqstant l-esponenti ma għandha tħallas xejn lis-soċjetà rikorrenti, skont ma ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' lix-xhieda;

Ra l-verbal tas-17 ta' Novembru 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

## Provi

Sema' lil **Ruth Debono** in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi li spjegat illi l-kont mertu ta' din il-kawża jitratta *dongle* tal-internet. Mir-*records* tagħhom jirriżulta li din id-*dongle* ma ġietx ritornata lis-soċjeta' attriċi u għalhekk jirriżulta li għadha fil-pussess tal-konvenuta. Ivverifikat mal-*Customer Care* sabiex tara jekk kienx hemm xi lmenti min naħa tal-konvenuta rigward dan l-*account* u rriżulta li ma kien hemm l-ebda lment dwar dan il-kont partikolari u lanqas dwar is-servizz.

Spjegat illi l-klijenta ffirmat il-kuntratt f'ġurnata u ngħatat id-*dongle* sitt'ijiem wara u dan ġara peress illi minn naħa tas-Soċjeta' attriċi kienet qegħda tagħmel *credit check* jiġifieri tagħmel verifika dwar il-persuna li tkun tixtieq tingħata s-servizz sabiex tkun tista' tikkalkula r-riskju tal-kreditu mogħti lilha.

Ikkonfermat ukoll illi l-kumpanija kienet iżżomm kopja tal-irċevuta li tinħareġ lill-klijent meta jkun irritorna xi apparat pero' fil-każ odjern ma nstabet l-ebda riċevuta u dan għaliex l-apparat baqa' barra.

Sema' lill-**konvenuta Mariella Vidal** li kkonfermat il-firma tagħha fuq il-kuntratt relattiv u spjegat illi hija kienet talbet servizz ta' *wireless internet* mis-soċjeta` attriċi bl-użu ta' *dongle*. Hija xtaqet tagħmel użu tas-servizz ġewwa post fin-Naxxar li kien post antik u għalhekk bdew ibatu bir-*reċeption*. Meta nformat lis-soċjeta` attriċi bil-problema tagħha, talbuha tistenna ftit peress li possibilment kien hemm xi setting ħażin. Madankollu ir-*reception* ma ġietx kif mixtieq u għalhekk hija ħadet id-*dongle* lura wara perjodu qasir. Spjegat illi minkejja li s-servizz ma kienx tajjeb possibilment kienet ħallset għal xi xahrejn servizz u dan billi kellu abbinat miegħu servizz ta' telefonija fissa.

Sema' lil **Jonathan Mulligan** fejn spjega illi hu u l-konvenuta kienu talbu servizz ta' internet bid-*dongle* fis-sena 2011 għal ħanut li kienu qed jiġġestixxu fin-Naxxar. Dan il-ħanut kien *house of character* u peress li kien qadim *reception* ma kellhomx. Kienu rritornaw id-*dongle* lura inqas minn xahar wara li ħadu s-servizz għax ma kienux qed jinqdew kif xtaqu. Id-*dongle* irritornawha fil-fergħa tal-GO tan-Naxxar u hu kien preżenti mal-konvenuta Mariella Vidal. Meta marru biex jirritornaw din id-*dongle*, kienu ġew offruti li jagħmlulhom antenna iżda peress li kienu diġa kisbu servizz ta' internet mingħand kumpanija oħra kienu rrifjutaw.

**Konsiderazzjonijiet**

Fl-ewwel lok, kif rilevat mid-difensur tal-konvenut fit-trattazzjoni finali, is-soċjeta` attriċi fl-ebda stadju tal-proċeduri ma kkonfermat illi l-ammont minnha pretiż kien għadu dovut. Bħala provi tagħha tat l-importanza kollha lill-kwistjoni tal-apparat u jekk dana kienx ġie ritornat.

It-Tribunal jirrileva illi t-talba tas-soċjeta` attriċi hija talba għall-ħlas tas-servizz *per se* u m’hemmx talba għall-prezz tal-apparat. Dan jirriżulta mill-prospett ippreżentat fol. 4 tal-proċess u wkoll mid-diċitura kemm tal-avviż tat-talba u wkoll tal-ittra uffiċċjali ippreżentata qabel. In vista ta’ dan it-Tribunal mhuwiex meħtieġ jiddeċiedi dwar dan id-*dongle* partikolament stante li quddiemu għandu żewġ verżjonijet totalment opposti.

Rigward is-servizz, it-Tribunal jemmen lill-konvenuta li ma kinitx għamlet użu minnu għar-raġunijet minnha mogħtija li ġew hawn fuq esposti u għalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li hija m’għandhiex tħallas għal servizz li ma użatx għal raġunijiet li għalihom hija ma setgħetx taħti, bħal ma huwa n-nuqqas ta’ *reception* adegwat.

**Deċide**

Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal qiegħed jaqta’ u jiddeċiedi din il-kawża billi jiċħad it-talba attriċi, bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u numerata1440/12 kontra s-soċjeta` attriċi.
.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur